**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 20 ta' Marzu 2018

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 72**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 72 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu 2018 fis-6pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
72.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
72.5 Rapporti;
72.6 Approvazzjoni tal-*Management Accounts 2017* tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
72.7 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
72.8 Aġġornament dwar is-sejħa għall-offerti QLC – CNUR 49/18 - Offerti għal Tindif ta' Toroq Mhux Urbani u Siti Oħra fil-Qrendi;
72.9 Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2018;
72.10 *Performance Bonus* tal-Clerk tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
72.11 Talba mis-Soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Qrendi għal intervent fiż-żona ta' quddiem is-sede tas-Soċjetà;
72.12 Talba mis-Soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Qrendi għal numru ta' toqob fi Triq il-Ħniena u Triq Dun Raymond Ellul;
72.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
72.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-72 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu 2018 fis-6pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-8pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

*Qabel bdiet il-laqgħa, is-Sindku David Schembri indirizza lill-membri tas-sottokumitat tal-finanzi, il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud u qal li l-laqgħa tal-Kunsill Lokali kienet se tibda fis-6pm sabiex it-tnejn li huma setgħu jkunu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali fil-5:30pm sabiex jilħqu jivverifikaw l-iskeda tal-pagamenti qabel il-laqgħa. Għamilha ċara li ħassu urtat li ż-żewġ Kunsillieri waslu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali għall-ħabta tas-5:45pm u allura għal darb'oħra, il-laqgħa tal-Kunsill Lokali kienet se tibda u l-iskeda tal-pagamenti ma kenitx se tilħaq tkun iċċekkjata qabel tibda l-laqgħa. Is-Sindku għamilha ċara li mhux se jaċċetta li jiġri każ simili f'laqgħa oħra.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

72.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

72.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

72.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

72.2.1 Il-Minuti tas-70 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

72.2.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda l-Minuti.

72.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 72.3, 72.4 u 72.5 jiġu diskussi wara Minuta 72.12 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

72.6 **APPROVAZZJONI TAL-*MANAGEMENT ACCOUNTS 2017* TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

72.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara l-laqgħa b'urġenza li saret nhar il-Ġimgħa 9 ta' Marzu 2018, sar aġġornament tal-*Management Accounts 2017* u għaldaqstant dan ried jiġi approvat mill-Kunsill Lokali.

72.6.2 Qal li jkun aħjar jekk is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon jispjega eżattament x'hemm imniżżel fil-*Management Accounts 2017*.

72.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fisser kif wara l-laqgħa b'urġenza kellhom isiru

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

xi emendi fil-*Management Accounts 2017* minħabba li kien hemm materji li l-*accountant* il-ġdid tal-Kunsill Lokali ma kienx jaf bihom u nġibditlu l-attenzjoni mill-awdituri tal-NAO u kollox ġie rranġat kif suppost.

72.6.4 Fisser kif matul l-2017 il-Kunsill Lokali għalaq is-sena b'surplus ta' €44,460, żieda ta' €30,530 meta mqabbel mas-sena 2016.

72.6.5 Qal li dan kien kollu dovut għall-għaqal li bih ħadem il-Kunsill Lokali matul l-2017 u li żgur li dawn il-finanzi se jkunu utli għal meta jinbeda l-proġett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku ġdid.

72.6.6 Saru xi mistoqsijiet mill-Kunsillieri li ġew risposti u wara l-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona li l-*Management Accounts 2017* għandhom jiġu approvati.

72.6.7 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 72.7 <u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI</u>

72.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-permess tal-bini ħareġ u fil-preżent qegħdin nistennew jgħaddu t-tletin ġurnata tal-appell min-naħa tal-pubbliku.

72.7.2 Qal li fl-10 t'April 2018 se ssir laqgħa mal-Perit li se jieħu ħsieb ix-xogħol kif ukoll il-kuntrattur sabiex tiġi diskussa t-triq 'il quddiem.

72.7.3 Fisser kif malli jkunu se jinbdew ix-xogħolijiet il-Berġa se tiċċaqlaq minn fejn qiegħda llum u se tkun fil-kamra t'isfel fil-binja tal-Kunsill Lokali.

72.7.4 Spjega kif oriġinarjament, il-ħsieb kien li l-Berġa titwaqqa' u tinbena mal-ewwel sabiex tkun tista' tibda tiffunzjona fl-iqsar żmien possibbli,

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

imma fir-realtà kollha dan ma jistax iseħħ minħabba li biex ningħataw is-servizz tad-dawl u l-ilma l-binja trid tkun lesta kollha għax inkella ma jinħariġx il-*compliance certificate*.

72.7.5 Qal li waqt il-proġett se nkunu qegħdin immissu xi siġar li hemm mad-dawra ta' Ġnien Nicolò Communet, imma dawn mhumiex indiġeni u/jew protetti u għandna l-permessi meħtieġa min-naħa tal-ERA sabiex inkunu nistgħu nneħħuhom.

## 72.8 AĠĠORNAMENT DWAR IS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – CNUR 49/18 – OFFERTI GĦAL TINDIF TA' TOROQ MHUX URBANI U SITI OĦRA FIL-QRENDI

72.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li din it-tender għalqet illum u sar il-ftuħ tagħha mill-impjegati tal-Kunsill Lokali fejn jidher li b'kollox kien hemm tliet persuni/kumpaniji li tefgħu l-offerta tagħhom.

72.8.2 Qal li l-Kunsill Lokali jrid jaħtar il-Bord tal-Aġġudikazzjoni li jrid ikun kompost miċ-*Chairperson*, Segretarju u tliet aġġudikaturi li jridu jkunu avukat, *accountant*, u espert fil-qasam.

72.8.3 Huwa ppropona li bħala *Chairperson* għandu joqgħod hu stess, sabiex ikun jista' jsegwi l-proċess kollu u l-Kunsill Lokali jkun rappreżentat, għalkemm hu mhuwiex se jkollu dritt għall-vot.

72.8.4 Ippropona li s-Segretarju tal-bord ikunu s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon, li huwa wkoll mhux se jkollu dritt għall-vot.

72.8.5 Ippropna wkoll li l-membri l-oħra tal-Bord għandhom ikunu kif ġej:

- Is-Sur Kenneth Brincat – espert
- Is-Sur Christian Gravina – *accountant* tal-Kunsill Lokali
- Dr Joseph Sammut LLD – avukat

72.8.6 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat dawn il-proposti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 72.9 AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2018

72.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li s'issa għad ma kellna l-ebda risposta fuq l-applikazzjoni li ssottomettejna sabiex nirċievu xi fondi għal dan il-Festival.

72.9.2 Spjega kif is-sottokumitat tal-Festival diġa' beda jiltaqa' u mistenni jkompli jiltaqa' fil-ġimgħat li ġejjin.

72.9.3 Żied li se jiġu rappreżentanti minn Comber, l-Irlanda ta' Fuq, u dawn jidher li se jaslu Malta s-Sibt 26 ta' Mejju u jħallu pajjiżna t-Tlieta 29 ta' Mejju.

72.9.4 Qal li se nippruvaw nibbukjawlhom il-*Castille Hotel* u dan sabiex ikunu f'post ċentrali u mhux bogħod wisq mill-Qrendi bil-karozza, ovvjament, suġġett li jkun hemm post fil-lukanda.

72.9.5 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li bdew id-diskussjonijiet dwar x'jista' jsir f'dan il-Festival, u spjega kif il-Waste Serv se jkunu qegħdin jieħdu sehem bil-kampanja *Don't Waste Waste*.

72.9.5.1 Irrefera għall-korrispondenza ***Request:*** **Festival Agrarju tal-Patata** mibgħuta mis-Sa Astrid Micallef fejn staqsewna jekk jistgħux jieħdu sehem permezz tal-kampanja tagħhom.

72.9.6 Qal li diġa' bagħtna nitolbu għall-kwotazzjonijiet għall-*Kids Area* u se tkun qiegħda tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa tas-sottokumitat li jmiss.

72.9.7 Spjega kif min-naħa tiegħu diġa' beda jitkellem mal-importaturi/esportaturi tal-patata li jarmaw u jieħdu sehem fil-Festival, imma s'issa għad m'għandu l-ebda risposta.

72.9.8 Tkellem ukoll dwar esebizzjoni ta' fotografija u qal li qed nitkellmu mas-Sur George Abdilla dwar dan dan.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 72.10 ***PERFORMANCE BONUS* TAL-CLERK TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

72.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li jidher li l-Kunsill Lokali ma kienx korrett meta kien qiegħed japprova 3% *performance bonus* lill-*part-time clerk* tal-Kunsill Lokali.

72.10.2 Qal li dan il-każ ħareġ wara li s-Segretarju Eżekuttiv bagħat il-*performance appraisal* tiegħu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bħalma jsir kull sena għall-approvazzjoni tagħhom, u huma xtaqu estratt tal-Minuti tal-Kunsill Lokali fejn tidher l-approvazzjoni tal-istess Kunsill Lokali.

72.10.3 Spjega kif kien hawnhekk li l-HR tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għamluha ċara li ma kenitx tagħmel sens li l-massimu tal-*performance bonus* tal-*part-time clerk* kien ta' 3%, għaliex fil-verità l-massimu huwa dak ta' 6%.

72.10.4 Żied li min-naħa tal-HR irrimarkaw li l-Kunsill Lokali jista' jagħti *performance bonus* ta' 3% imma ma jistax jgħid li dak huwa l-massimu li persuna tista' tingħata.

72.10.5 Kompla billi qal li bħala Sindku hu ilu fil-kariga sa mill-2013, u anke din il-leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ilha sa mill-2013 tiffunzjona.

72.10.6 Għaldaqstant huwa irrimarka li l-Kunsill Lokali għandu jagħti l-massimu tal-*performance bonus* lill-*part-time clerk*, jiġifieri 6% u mhux 3%.

72.10.7 Żied li jekk kemm-il darba l-*part-time clerk* tħoss li għandha titlob il-massimu ta' 3% għall-perjodu tas-snin 2010-2012, din għandha tibgħat ittra li trid tkun ikkonfermata mill-Kunsillieri li kienu preżenti fis-sitt leġiżlatura tal-Kunsill Lokali minħabba li kienu huma li kienu qed japprovaw il-*performance bonus*.

72.10.8 Għaldaqstant qal li se tintbagħat ittra lill-*part-time clerk* fejn jiġi spjegat dan kollu u l-pagamenti neqsin teħodhom bħala arretrati fil-paga li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

72.10.9 Din il-proposta tas-Sindku kienet issekondata mill-Kunsilliera Daniela Farrugia u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 72.11 TALBA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA MARIJA TAL-QRENDI GĦAL INTERVENT FIŻ-ŻONA TA' QUDDIEM IS-SEDE TAS-SOĊJETÀ

72.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li ġurnata fost l-oħrajn, is-Sibt filgħodu, kien mitlub sabiex imur fil-każin tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija minħabba li kien dieħel ħafna ilma fil-*basement* waqt li kienet nieżla x-xita.

72.11.2 Qal li min-naħa tiegħu mar jiċċekkja u sab li dan l-ilma jew huwa dieħel minn taħt il-bankina ta' quddiem il-każin jew inkella dieħel minn taħt il-ħajt.

72.11.3 Fisser kif fil-jiem ta' wara nġab ukoll 'kulur tad-drenaġġ' u ntefa' fit-toqob tal-arbli, sabiex ikun iċċekkjat jekk l-ilma li qed jiskula huwiex dieħel minn dawn it-toqob, imma rriżulta fin-negattiv.

72.11.4 Spjega kif is-Soċjetà Mużikali bagħtet il-*working drawings* mitluba mill-Kunsill Lokali, imma xorta waħda ma jista' jagħmel xejn minħabba li dal-proġett partikolari qatt ma kien aċċettat mill-Kunsill Lokali.

72.11.5 Qal li jkun jagħmel aktar sens jekk l-ittra flimkien mal-*working* drawings ngħadduhom lid-Dipartiment tax-Xogħolijiet sabiex jaraw x'l-aħjar li jagħmul fis-sitwazzjoni.

72.11.6 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 72.12 TALBA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA MARIJA TAL-QRENDI GĦAL NUMRU TA' TOQOB FI TRIQ IL-ĦNIENA U TRIQ DUN RAYMOND ELLUL

72.12.1 Is-Sindku David Schembri qal li mill-informazzjoni li ħarġet jidher li r-rotta tal-purċissjoni ta' Santa Marija se tinbidel minn din is-sena.

72.12.2 Qal li bħala proposta mingħand is-Soċjetà Santa Marija tista' tiġi aċċettata imma nagħmlu ċert li t-toqob tal-arbli jkunu jistgħu jintużaw miż-żewġ Soċjetajiet jekk jinqala' l-każ.

72.12.3 Fisser li l-pass li jmiss hu li niċċekkjaw maż-żewġ Soċjetajiet kemm iridu lit-toqob isiru wesgħin u nimxu minn hemmhekk.

72.12.4 Barra minn hekk se niċċekkjaw kemm se jiġu jiswew lill-Kunsill Lokali.

## 72.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

72.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar ġimgħat saru xi laqgħat ma' membri tal-Inizjamed u Valletta 2018 sabiex jinġibu xi filmati fil-Qrendi dwar it-tkabbir tal-patata, eċċ...

72.3.1.1 Żied li matul is-sajf li ġej se jsiru xi attivitajiet kemm f'Misraħ il-Maqluba u anke fil-belveder ta' Wied iż-Żurrieq bl-isem ta' *Solar Cinemas*. Jidher li se jkun hemm xi *big screen* li fuqu se jkun qiegħed jintwera film, imma kulħadd irid jieħu s-siġġu tiegħu jekk kemm-il darba jkun irid joqgħod bilqiegħda.

72.3.1.2 Qal li bħala Kunsill Lokali rridu nieħdu ħsieb li ż-żona fejn ikun se jintwera l-film tintefa' mal-lejl sabiex ma jkunx hemm interferenza ta' dawl u l-film jidher tajjeb.

72.3.2 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett t'afforestazzjoni fiż-żona magħrufa bħala t'Għajn ix-Xemx u l-inawgurazzjoni tal-istess proġett.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

72.3.2.1 Qal li b'kollox tħawlu mitt siġra ta' speċi differenti li dawn kienu mħawla mill-PARKS u għall-inawgurazzjoni attendew l-istudenti Ġappuniżi kif ukoll il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima, l-Onorevoli Dr José Herrera.

72.3.2.2 Spjega kif dawn is-siġar saru b'inizjattiva tat-34U u se jissaqqew darba fil-ġimgħa sakemm jaqbdu, imbagħad jibdew jissaqqew darba kull ħmistax.

72.3.2.3 Żied li se nkunu qegħdin niġbru xi kwotazzjonijiet sabiex niċċekkjaw kemm tiġi tiswina t-tisqija tagħhom darbtejn f'xahar.

72.3.2.4 Fisser ukoll kif id-Dipartiment tax-Xogħolijiet jixtieq li jsebbaħ iż-żona li tinsab ftit aktar 'l isfel minn Għajn ix-Xemx u fil-fatt jidher li dawn se japplikaw għal fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex jippruvaw jiksbu l-fondi.

72.3.2.5 Barra minn hekk, l-istess Dipartiment applika sabiex jiġu rranġati xi ħitan tas-sejjieħ li jinsabu fi Triq iż-Żelliqat.

72.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-pubblikazzjoni li l-Kunsill Lokali qiegħed jaħdem mal-Iskola Primarja tal-Qrendi u l-Ministeru tal-Edukazzjoni dwar il-laqmijiet tal-lokal.

72.3.3.1 Qal li waslilna l-iscript ta' dan il-ktieb u issa se jsir il-qari tal-provi tiegħu, jiġu magħżula r-ritratti li se jakkumpanjaw din il-pubblikazzjoni, imbagħad inkunu nistgħu mmorru għall-ipprintjar.

72.3.3.2 Spjega kif il-ktieb se jkun miktub minn Prof. George Cassar, filwaqt li l-editur huwa s-Sur Sergio Grech.

72.3.3.3 Żied li issa trid tittieħed deċiżjoni ta' kemm-il wieħed se jkun ipprintjat u kif se jitqassmu.

72.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-premju EDEN u qal li ftit tal-jiem qabel għadu kif kien Brussell sabiex jirċievi l-unur f'isem il-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

72.3.4.1 Qal li issa l-Kunsill Lokali jrid jiddeċiedi jekk ikunx parti mill-*EDEN*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Newtork* imma biex dan isir irridu nħallsu €400 kull sena.

72.3.4.2 Żied li jkun aħjar jekk din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali u jkun deċiż jekk għandniex nidħlu niffurmaw parti mill-*EDEN Network* jew le.

72.3.5 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-Ministeru tar-Trasport.

72.3.5.1 Qal li waqt din il-laqgħa tkellimna dwar diversi materji li għadhom ma ġewx solvuti. U wara bagħtna diversi e-mails f'dan ir-rigward imma s'issa għad ma smajna xejn lura.

72.3.6 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand is-Sur Joseph Pisani, Assistent Direttur fl-ARPA, bit-titlu ***Closure of bank accounts related to RDP 2007-2013 projects***.

72.3.6.1 Qal li permezz ta' din l-ittra se jkun qiegħed jingħalaq il-kont bankarju ta' Miżura 313, liema kont kien infetaħ apposta meta kien se jinbeda l-proġett sabiex il-flus kollha relatati ma' dan il-proġett kienu f'dan il-kont.

72.3.7 Is-Sindku tkellem dwar każ fi Sqaq San Nikola Nru 2, fejn jidher li qed ikun hemm problema ta' parkeġġ f'dan l-istess sqaq.

72.3.7.1 Qal li din hija sitwazzjoni li l-Kunsill Lokali jrid jara kif se jdur magħha u rridu naslu għall-aħjar soluzzjoni fir-rigward.

72.3.7.2 Spjega kif l-aħjar mezz ikun jekk tintbagħat ittra lir-residenti sabiex niċċekkjaw jekk iridux li l-isqaq jiġi *pedestrianised*, u li allura ma jkunx jistgħu jipparkjaw karozzi fih, inkella jekk għandux isir ipparkjar ta' karozzi fuq naħa waħda tat-triq.

72.3.7.3 Żied li nistgħu wkoll nitkellmu mal-Koptasin sabiex nieħdu parir mingħandhom f'dan ir-rigward.

72.3.8 Is-Sindku tkellem dwar sitwazzjoni simili fi Sqaq il-Parroċċa Nru 1, u għaldaqstant anke hawnhekk il-Kunsill Lokali jrid jara liema tkun l-aħjar deċiżjoni li jieħu.

72.3.9 Is-Sindku tkellem dwar struttura perikoluża fi Triq Sant'Anna u qal li r-responsabilità hija tas-sid u mill-informazzjoni li għandu l-Kunsill Lokali jidher li din il-materja qiegħda f'idejn il-pulizija.

72.3.10 Is-Sindku tkellem dwar ittra li hu personalment irċieva dwar żvilupp li jidher li se jsir fi Triq is-Siġġiewi, f'żona li hija mmarkata bħala ODZ.

72.3.10.1 Qal li din l-ittra qiegħda f'forma ta' petizzjoni u allura se tkun parti mill-korrispondenza.

72.3.10.2 Fisser kif bħala Kunsill Lokali rridu niċċekkjaw dwar dan l-iżvilupp partikolari sabiex nikkonfermaw dak li qegħdin jgħidu r-residenti u nkunu nistgħu nibagħtu l-kummenti tagħna.

## 72.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

72.4.1 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar punt li tqajjem fl-aħħar laqgħa, dwar *zebra crossing* fi Triq Rokku Buhagiar.

72.4.1.1 Qalet li f'idejha għandha ritratt ta' din it-triq, imma fadal is-site plan ta' fejn qed tiġi proposta din iż-*zebra crossing*.

72.4.1.2 Is-Sindku wieġeb li fuq is-site plan irid ikun hemm immarkat fejn qiegħda tiġi proposta ż-*zebra crossing* kif ukoll wieħed irid jagħmel ċert li mhu se tostakola l-ebda rampa ta' garaxx inkella xi aċċess ieħor fl-istess triq, u trid tkun minn tal-inqas ħames metri 'l bogħod minn kull kantuniera tal-istess triq.

72.4.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar sitwazzjoni fi Triq Filippu Zammit fejn qal li hemm xi residenti li għandhom bżonn rampa żgħira.

72.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li din ir-rampa tista' ssir mir-residenti stess.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 72.5 RAPPORTI

72.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-ħarġa li jmiss tal-Kunsill Lokali se ssir fl-24 jew fil-25 t'April u l-ħsieb hu li ssir fil-*Limestone Heritage*.

72.5.2 Tkellem ukoll dwar il-mawra fi Sqallija u qal li s-soltu din il-ġurnata ssir f'Lulju, imma ssuġerixxa li għal din is-sena ssir f'Settembru.

72.5.2.1 Ġie deċiż li se nippruvaw li din il-ġurnata Sqallija ssir fil-15 ta' Settembru 2018.

## 72.13 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

72.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €25,228.68 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 03/18 u €89.10 skont il-*Petty Cash* Ref V/02.

72.13.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

72.13.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

72.13.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 72.14 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

72.14.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8pm u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 27 t'April 2018 fil-5:30pm.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**